MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Numru 531/2010

**Il-Pulizija**
**Sp Jeffrey Cilia**
**vs**
**Christopher Scerri**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Christopher Scerri, ta' 29 sena, bin Ronald u Alexandra nee' Zerafa, imwieled Pieta' nhar it-30.12.1980, residenti Blk C, Flat 8, Triq it-Tarzna Isla u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 77081 (M).**

**Akkuzat talli**

**1. Talli nhar is-7 ta' Mejju 2010, f'xi hin bejn il-11.30am u is-1.20pm, fil-Furjana, ikkommetta serq ta' car stereo Aiwa mudell numru CDC-X207, sub woofer**

**Hertz u amplifier Jensen mudell numru A432HLX minn go vettura tal-ghamla Seat Ibiza (reg. no. CAD368) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Graziella Galea;**

**2. u aktar talli nhar il-21 ta' Mejju 2010, ghall-habta tal-11.00am, fil-Furjana, ikkommetta serq ta' car stereo Pioneer mudell numru DEH-P7500MP u numru serjali CKTM022981EW minn go vettura tal-ghamla Hyundai Accent (reg. no. ARC717) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Mario Grima;**

**3. u aktar talli nhar it-22 ta' Mejju 2010, f'xi hin bejn is-1.00pm u it-3.30pm, f'Birzebbugia, ikkommetta serq ta' car stereo Aiwa mudell numru CDC-X237 u numru serjali 1550211 u nuccalli tax-xemx Gucci minn go vettura tal-ghamla Fiat Punto (reg. no. BBM585) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Mark Piscopo;**

**4. u aktar talli nhar l-22 ta' Mejju 2010, f'xi hin bejn 2.30pm u 7.45pm, f'Hal Ghaxaq, ikkommetta serq ta' digital camera Samsung numru serjali CJ40C91Q506114H; arlogg Pulsar; zewg briefcases, erba' mitt ewro, mazz cwievet u dokumenti minn go vettura tal-ghamla Hyundai Sonata (reg. no. CAQ175) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Joseph Falzon;**

**5. u aktar talli nhar l-24 ta' Mejju 2010, f'xi hin bejn is-7.00am u id-9.30am, f'Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' car stereo Kenwood mudell numru KDC-W5141U u numru serjali KE144W0900428; remote control Kenwood RC547 u digital camera Fujufilm J20 numru serjali 9TJ18015, minn go vettura tal-ghamla Toyota Carina (reg. no. JAE063) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Magro;**

**6. u aktar talli nhar l-24 ta' Mejju 2010, f'xi hin bejn it-8.00am u is-1.10pm, fil-Birgu, ikkommetta serq ta' car stereo Kenwood mudell numru KDC-2024S u numru serjali KE0906P1101901 minn go vettura tal-ghamla Tata Indica (reg. no. MJB126) u MP3 player tal-ghamla TEAC bin-numru serjali 6019718, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Christine Bonnici;**

**7. u aktar talli nhar l-24 ta' Mejju 2010, f'xi hin bejn il-10.40am u il-11.20am, fil-Birgu, ikkommetta serq ta' car stereo Kenwood mudell numru KDC-133 u numru serjali 50903681 minn go vettura tal-ghamla Perodua Kelisa (reg. no. HBB901) u nuccali tax-xemx Rayban, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Maria Magro;**

**8. u aktar talli nhar l-24 ta' Mejju 2010, ghall-habta tal-11.00am, fil-Kalkara, ikkommetta serq ta' car stereo Pioneer mudell numru DEH-50UB u numru serjali HDGE055108EW u Amplifier Boschman 600Watts mudell numru PCH-8800LX u numru serjali 00040354 minn go vettura tal-ghamla Peugeot (reg. no. AAP151) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux**

**l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Clyde Camilleri;**

**9. u aktar talli matul il-gimghat ta' qabel l-24 ta' Mejju 2010, f'diversi lokalitajiet f'Malta, ikkommetta serq ta' car stereo Pioneer mudell DEH-P4100R u numru serjali TJTM000052EW; car stereo Tamashi mudell XTD-92 u numru serjali 1930/0212/00777; car stereo Kenwood mudell KDC-W311 u numru serjali KE133U1100120; car stereo Kenwood mudell KDC-W241 u numru serjali KE1424W1111514; car stereo Kenwood mudell KDC-5021 u numru serjali KE0847P0604556; subwoofer Starsound; subwoofer Apace Bass Cannon u amplifier Q9000; Mini Maglite torch; minn go diversi vetturi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' diversi persuni mhux maghrufa;**

**10. u aktar talli nhar l-24 ta' Mejju 2010 u/jew matul il-gimghat ta' qabel din id-data f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihomu cioe car stereo Aiwa mudell numru CDC-X207, sub woofer Hertz u amplifier Jensen mudell numru A432HLX; car stereo Pioneer mudell numru DEH-P7500MP u numru serjali CKTM022981EW; car stereo Aiwa mudell numru CDC-X237 u numru serjali 1550211 u nuccalli tax-xemx Gucci; digital camera Samsung numru serjali CJ40C91Q506114H; car stereo Kenwood mudell numru KDC-W5141U u numru serjali KE144W0900428; remote control Kenwood RC547 u digital camera Fujufilm J20 numru serjali 9TJ18015; car stereo Kenwood mudell numru KDC-2024S u numru serjali KE0906P110190; car stereo Kenwood mudell numru KDC-133 u numru serjali 50903681; car stereo Pioneer mudell numru DEH-50UB u**

**numru serjali HDGE055108EW u Amplifier Boschman 600Watts mudell numru PCH-8800LX u numru serjali 00040354; Pioneer mudell DEH-P4100R u numru serjali TJTM000052EW; car stereo Tamashi mudell XTD-92 u numru serjali 1930/0212/00777; car stereo Kenwood mudell KDC-W311 u numru serjali KE133U1100120; car stereo Kenwood mudell KDC-W241 u numru serjali KE1424W1111514; car stereo Kenwood mudell KDC-5021 u numru serjali KE0847P0604556; subwoofer Starsound; subwoofer Apace Bass Cannon u amplifier Q9000; Mini Maglite torch;**

**11. u aktar talli fl-istess dati, hin, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fil-vetturi hawn fuq imsemmija, liema hsara tiskorri l-mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (E116.47) izda anqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro (€1164) f'kull kaz;**

**12. talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistarti (Malta), nhar l-24 ta' April 2009, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;**

**13. u aktar talli rrenda ruhu recidivi ai' termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.**

**Ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-ARtikoli 17H, 18, 261 (b) (c) (g), 263, 267, 271 (g), 278 (3), 279, 28A, 49, 50 u 334 (a) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11, 12 u 13 u b'dan pero li l-imputazzjoni numru 11 hija assorbita fl-imputazzjonijiet precedenti barra fl-imputazzjoni numru 10 u mhix tiehu konjizzjoni ta' l-imputazzjoni numru 10 ghax din hija alternattiva biss ghad-disgha precedenti. Il-Qorti qed tqis li l-imputat huwa ricediv u li wettaq dawn is-serqiet f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Min-naha l-ohra, l-imputat ghamel ammissjoni mill-ewwel u diga ta l-kunsens tieghu sabiex l-affarijiet ikunu ritornati lil sidhom.**

**Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' 36 xahar prigunerija komplessivament u qed tirrakkomanda li jinghata ghajnuna malajr kemm jista' jkun mill-Awtoritajiet ta' CCF sabiex l-imputat jipprova johrog mill-vizzju tad-droga llum qabel ghada.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------